***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u erbgħa u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Erbgħa 22 ta' April 2009 fil-5.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | V/Sindku |
| Is-Sur Johnaton Abela | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u tnejn u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-minuti

Fil-5.10pm is-Sur Mario Caruana daħal għal-laqgħa.

### *4.1. Proġett tas-Suq*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 20 ta' April infetħet il-kaxxa ta' l-offerti fil-preżenza tas-Sindku u s-Sur Mario Caruana fejn instabu 8 offerti. Kopja ta' l-offerti li daħlu ngħataw lill-Contracts Manager biex iħejji rapport komparattiv għall-Bord ta' l-Għażla.

*4.2. Ħamrun Liberty*

Ġie deċiż li tintalab urġenti s-*site plan* tal-armar mill-Ħamrun Liberty.

*4.3. Madum fi Triq il-Kbira San Ġużepp*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Itaqgħu ma' uffiċċjali mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Ġie sġjegat li l-Korporazzjoni lesta tibdel il-*mains* ta' l-ilma fi Triq il-Kbira San Ġużepp fil-partijiet fejn il-bankini għadhom ma tranġawx. Huma lesti jħallsu nofs l-ispejjeż tal-bankina ġdida jekk issir tal-konkos. Ġie deċiż li tinġabar stima tal-bankini li fadal biex isir bi *stencil printing* biex jixbħu dawk tal-madum.

*4.4. Korsijiet tal-Kompjuter*

Ġie ffirmat il-ftehim mal-Malta Institute of Computer Studies biex jiġu organizzati korsijiet tal-kompjuter f'Lulju u Awissu.

*4.5. Arbli għall-bnadar*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-arbli nħadmu mill-ħaddiema tal-Kunsill. Huwa żied jgħid li minħabba li hemm *overhead cables* tad-dawl fi Triq il-Kappillan Mifsud kantuniera ma' Triq Villambrosa, ser issir talba lill-ADT biex tinbena *centre strip* fi Triq Villambrosa quddiem Fenech Arredamenti biex fuqha jitpoġġa l-bażi ta' l-arblu tal-bandiera.

*4.6. Grupp Armar Festa Immakulata Kunċizzjoni – Għotjin*

Il-Kunsill għadu qed jistenna ittra mill-Kappillan tal-Paroċċa Immakulata Kunċizzjoni bit-talba għat-8 għotjin.

*4.7. Liċeo tal-Bniet M'Reġina - Barriers*

Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi t-talba għal-żewġ barriers fil-kantuniera bejn Triq Schembri u Triq Mile End għas-sigurta ta' l-istudenti lill-Awtorita dwar it-Trasport għall-approvazzjoni.

*4.8. Ħamrun Spartans F.C. Youth Nursery*

Ġie deċiż li ssir laqgħa man-Nursery wara l-attivita' ta' Mejju.

*4.9. MUESEC –Konferenza*

Ġie deċiż li l-MUESEC tiġi nformata li minħabba impenji oħra, r-rappreżentanti tal-Kunsill mhux ser ikunu jistgħu jattendu l-Konferenza *"Zooming on Sustainability"*.

*4.10. ETC - Community Work Scheme*

Il-Kunsill informa lill-ETC li kien interessat jipparteċipa fil-*Community Work Scheme* fejn ħaddiema li jireġistraw jiġi assenjati għal-perjodu massimu ta' 6 xhur mal-Kunsilli Lokali.

*4.11. Laqgħa ma' l-Uffiċċjal Awtorizzat*

Ġie deċiż li l-laqgħa ma' l-Uffiċċjal Awtorizzat issir waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill. L-Uffiċjal Awtorizzat għandu jintalab jipprovdi lista li tindika ċ-ċitazzjonijiet li ngħataw fil-Ħamrun f'Marzu u April.

Ġie deċiż li jinxtraw 100 arloġġ tal-ħin biex jinbiegħu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Fil-5.30pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

## 5. Korrispondenza

Il-kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn is-26 ta' Marzu u t-22 ta' April.

*5.1. Sur Paul Vella – Ktieb 'The Industrial Revolution of Malta'*

Il-Kunsill iddeċieda li jixtri l-ktieb *'The Industrial Revolution of Malta'* biex jitpoġġa fil-librerija tal-Kunsill.

Fis-5.45pm s-Sur Arthur Ellul daħal għal-laqgħa.

*5.2. Kulleġġ St.Ignatius – Prize Day*

Il-Kunsill approva li jingħata ktieb għal *prize day* tal-Liċew tal-Bniet fil-Kulleġġ St.Ignatius.

*5.3. Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema Dwar Aċċessibilta' Aħjar fil-Lokalitajiet*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nieda skema maħsuba biex l-uffiċċini amministrattivi jew bini ieħor amministrat mill-Kunsill kif ukoll spazji pubbliċi fil-lokalita ikunu aktar fiżikament aċċessibli.

*5.4. Sur Anthony Buttiġieġ – Aċċess fi Triq Nazzjonali*

Is-Sur Buttiġieġ lmenta li l-*pedestrian crossings* li hemm fi Triq Nazzjonali m'għandhomx ranep. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi din il-korrispondenza lil Awtorita dwar it-Trasport peress li Triq Nazzjonali hija triq arterjali u mhux fil-kompetenza tal-Kunsill.

*5.5. Sur Sandro Cauchi – 'Keep Clear' faċċatatal-garaxx*

Is-Sur Cauchi talab biex il-Kunsill jikteb il-kliem '*Keep Clear'* ma' l-art faċċata tal-garaxx li għandu fi Triq Brighella, Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sur Cauchi li mhux il-*policy* li jinżebgħu l-kliem '*Keep Clear'* faċċata tal-garaxxijiet.

*5.6. Uffiċċjal Awtorizzat – Bord biex jinvestiga lmenti relatati ma' LES*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li l-Kumitat Konġunt waqqaf Bord biex jinvestiga lmenti u allegazzjonijiet relatati mas-Sistema ta' l-Infurzar Lokali.

*5.7. Sur Fatari Atallah – Parkeġġ faċċata tal-Garaxx*

Is-Sur Fatah Atallah talab biex jitneħħa l-parkeġġ faċċata tal-garaxx li għandu 164, Triq San Gejtanu, Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi t-talba lill-Awtorita' dwar it-Trasport.

*5.8. Dipartiment għall-Gvern Lokali – Fondi Speċjali għal lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali*

Il-Kunsilli ġew infurmati li l-Gvern alloka s-somma ta' nofs miljun ewro biex tkun immirata biex tagħmel tajjeb għall-bżonnijiet Speċjali ta' lokalitajiet.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1. Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda laqgħa fejn il-Gvern nieda l-*Policy* ġdida dwar il-Kunsilli Lokali.
- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Sur Arthur Ellul ser ikollhom laqgħa ma' uffiċċjal tal-Heritage Malta rigward il-kanuni li kien hemm fi Triq Atocia.
- Daħlu numru ta' lmenti dwar iż-żamma ta' ndafa tal-latrini pubbliċi fil-Ħamrun. Persuni lmentaw li mhux jinżammu fi stat nadif. Ġie deċiż li jinħareġ Default lill-kuntrattur u li jibdew isiru spezzjonijiet regolari.

*6.2. Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur Mario Caruana nforma lill-Kunsill li l-fuljett qed jiġi stampat u wara ser jitqassam mill-iscouts.

*6.3. Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura Carmen Borg infurmat lill-Kunsill li l-ħarġa tat-tfal ġiet posposta.
- Is-Sotto Kumitat qed jaħdem biex issir Ikla għall-Jum l-Omm.
- Il-wirja 'Ħidmet il-Ħamruniżi' ser titella fil-Każin ta' l-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni bejn it-12 u s-16 ta' Mejju 2009.

*6.4 Sotto Kumitat 4*

- Il-Kunsill approva li jżied is-*subfolders* fil-*website* tal-Kunsill. Il-ħlas għal kull *subfolder* huwa ta' €24.00.

## 7. <u>Attivitajiet għal Mejju – Jum il-Ħamrun u l-Palio</u>

### *7.1 Jum il-Ħamrun*

Ġie deċiż li s-suġġett ta' Jum il-Ħamrun tiġi diskussa f'laqgħa.

### *7.2 Il-Palio*

- Qed jittieħdu passi biex tinsab assikurazzjoni għall-attivita` tas-Sibt 9 ta' Mejju 2009.

- Is-Sur A. Ellul spjega li l-wirja ta' arti ser issir fil-Valentine Hall bejn id-9 u l-10 ta' Mejju 2009. Il-Kunsill ser jissellef *Queue Rails* u *Display Boards* mill-BOV. Qed jidhejja 3-gate flyer biex jitqassam waqt il-wirja.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-istima biex jinxtar u jitpoġġa r-ramel fit-triq għall-attivita taż-żwiemel kien dak ta' €2,200.00. Sadanittant ser issir laqgħa mas-Sur Omar Bugeja biex imorru jaraw iż-żwiemel fil-Bidnija.

- Is-Sinjura C. Borg ser tieħu ħsieb biex isiru l-arranġamenti għaż-żjara fil-Liċeo tal-Bniet filwaqt li s-Sindku ser ikellem lill-College Coordinator biex issir żjara fl-iskejjel l-oħra tal-Ħamrun.

- Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li l-iskola Maria Regina ma tistax tintuża għall-parkeġġ għaliex ser ikun hemm l-eżamijiet tal-Matsec. Is-Sur C. Valletta spjega li ser jipprova jagħmel arranġamenti biex jintuża l-*Park & Ride*.

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li għada ser ikollu laqgħa mas-Supretendent tar-Residenza San Vinċenz de Paule dwar il-Lejla Maltija u t-Trasport.

- Is-Sindku ser jieħu ħsieb biex ikun hawn il-preżenza ta' veterenarju waqt it-tiġrija.

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li saru arranġamenti mas-St John Ambulance biex ikunu preżenti waqt it-tiġrija kif ukoll ġew ordnati l-irħama u plakka kommemorattiva għas-Sibt 9 ta' Mejju 2009.

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li qed isiru l-arranġamenti biex l-attivitajiet jiġu reklamati bl-aħjar mod. Ġie deċiż li jsiru wkoll *posters* kbar biex jitwaħħlu fuq il-*Merħba Signs.* Is-Sindku spjega li ser jiġu stampati Souvenir Programmes li ser jiġu sponsorjati mingħand il-kuntratturi. Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li l-Konferenza Stampa ser issir nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju fit-3.00pm u li ser jattendu l-Onor Dr Chris Said u Dr Stefan Buontempo.

- Is-Sur C. Valletta spjega li ser isiru arranġamenti biex inġibu *gazeebos* mingħand il-*Malta Tourism Authority* biex jintużaw mill-Għaqdiet.

- Il-Viċi Sindku spjega li qed isiru arranġamenti biex ikollna *PA system* waqt is-serata biex tintuża waqt it-tiġrija u għall-Estremamente.

- Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Budget proviżorju tal-ġimgħa attivitajiet. Il-Viċi Sindku u s-Sur J. Abela urew il-preokkupazzjoni tagħhom minħabba l-ispejjeż li ser ikollu joħroġ il-Kunsill. Ġie nnutat li t-€22,000.00 mill-Unjoni Ewropeja u €4,000.00 ta' *Co-financing mis-Segretarjat għall-Konsultazzjoni u Informazzjoni* mhux ser ikopru l-ispejjeż kollha. Il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel l-almu tiegħu biex inaqqas l-ispejjeż tal-Kunsill għal din l-attivita`.

  Il-Viċi Sindku spjega li l-ispejjeż ta' l-ikel għandhom jonqos billi jinstabu postijiet oħra fejn jittieħdu jieklu. Il-Kunsill iddeċieda li jirrevedi l-postijiet fejn imorru jieklu t-Taljani biex jonqsu l-ispejjeż tal-proġett.

## 8. Laqgħa tal-Lokalita`

Ġie deċiż li din it-tema tiġi diskussa f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

## 9. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sat-22 t'April 2009 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-kontijiet.

## 10. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-8.25pm.

____________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
DATA